

Brussell, 11 ta' April 2025
(OR. en)

7725/25

SOC 200
EMPL 130

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Finlandja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza
għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Finlandja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali¹, u b'mod partikolari l-
Artikolu 75 tiegħu,

¹ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2020², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu mill-20 ta' Ottubru 2020 sad-19 ta' Ottubru 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Henna HUHTAMÄKI, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-Gvern tal-Finlandja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (ĠU C 315 I, 23.9.2020, p. 1).

Artikolu 1

Is-Sa Sanna KUORIKOSKI hija maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sa Henna HUHTAMÄKI għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
